MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## SCIBERRAS PHILIP LL.D.

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 950/1997/1

**Antonia Scicluna f'isimha *proprio* u bhala kuratur *ad litem* ta' binha minuri John, ammess ghal beneficcju tal-Ghajnuna Legali skond l-inkartament anness Dok. X**

**-vs-**

**Direttur tar-Registru Pubbliku;**
**U Emanuel Catania ghal kull interess li jista' jkollu.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premessi illi fic-certifikat tat-twelid ta' John, l-attur odjern, fil-kolonna "Taghrif Dwar - Isem u Kunjom" - "Missier it-

Tarbija", missier l-istess minuri gie erronjament indikat bhala "Saviour Catania", (Cert. Nru. 5954/81 Dok A);

Premess illi in effetti jirrizulta li tali isem tal-missier huwa indikat hazin, hemm peress li l-attrici kienet "mizzewga lill-certu Emanuel Catania skond ic-certifikat taz-zwieg numru 2500/74, liema zwieg gie pero` iddikjarat null u bla effett skond sentenza datata 28 ta' Jannar 1982, u di piu` jirrizulta li l-veru missier ta' l-istess minuri huwa injot kif jigi certifikat fil-kaz ta' bintha l-ohra "Isabel" fejn ic-certifikat fil-kaz ta' bint l-attrici Nru 5174/75, l-istess partikularitajiet ta' missier it-tarbija, gew mibdula b'sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili datata 21 ta' Jannar 1977 wara l-kawza fl-ismijiet Emanuel Catania vs Antonia Catania ghall-"*unknown father*";

Premess illi ghalhekk b'konsegwenza ta' l-istess jehtieg li c-certifikat tat-twelid ta' John (Nru 5954/81) fil-parti tieghu dwar il-genituri tat-tarbija, hemm zball fis-sens li l-kliem "Saviour Catania" ghandhom jigu sostitwiti bil-kliem "*unknown father*" u ghandhom konsegwentement jigu kancellati l-partikolaritajiet l-ohra kollha ta' Saviour Catania; u wkoll fil-kolonna "Isem u kunjom" il-kliem "Antonia wife of the said Saviour Catania" ghandhom jigu sostitwiti bil-kliem Antonia xebba Scicluna;

Talbet ghalhekk l-attrici *proprio et nomine* ghar-ragunijiet premessi lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li iben l-attrici li jismu "John" ma huwiex l-iben ta' Saviour Catania, kif erronjament indikat fic-certiftkat tat-twelid premess, izda iben "*unknown father*";

2. Tordna u tawtorizza kif ikun opportun li jsiru korrezzjonijiet kollha necessarji sabiex fic-certifikat tat-twelid ta' John Nru 5954/81 (Dok A) fil-parti li jaghti taghrif dwar il-genituri tat-tarbija il-kliem Saviour Catania jigu kkancellati u sostitwiti bil-kliem "*unknown father*", u fil-kolonni l-ohra kollha jigu ikkancellati l-partikolaritajiet l-ohra kollha in konnessjoni ma' l-istess Saviour Catania; u

3. Tordna u tawtorizza li fil-kolonna intestata "Isem u kunjom l-omm" l-kliem wara l-isem "*Antonia wife of the said Saviour Catania*" jigu kkancellati u minflok jizdiedu l-kliem "xebba Scicluna" u jsiru konsegwentement fl-istess certifikat l-emendi kollha konsegwenzjali u relattivi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici *proprio et nomine*, l-elenku tad-dokumenti minnha esebiti u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi huwa mhuwiex edott mill-fatti u jirrimetti ruhu ghall-provi;

2. Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni ta' l-attrici trid tkun permessa taht l-Artikolu 81 tal-Kap. 16, u trid ukoll tipprova illi binha minuri John mhuwiex it-tifel ta' Emmanuel Catania;

3. Illi inoltre, l-esponent jirritjeni illi ghandhom jinhatru kuratrui indipendenti sabiex jirrapprezentaw l-interessi tal-minuri John, u dan peress illi t-talba ta' Antonia Scicluna specjalment fejn titlob li l-minuri jigi dikjarat illi huwa ta' *unknown father*" tista' tkun nettament kontra l-interessi ta' l-istess minuri;

4. Illi huwa m'ghandux ibati spejjez;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat illi l-konvenut Emanuel Catania debitament notifikat, baqa' ma pprezentax in-nota ta' l-eccezzjonijiet;

Rat id-digriet tad-19 ta’ Frar 1999 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarja Dr. Mariella Gonzi biex tigbor il-provi;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

L-azzjoni attrici istitwita hi diretta biex binha jirreklama stat ta' twelid divers minn dak li jidher fuq l-Att tat-Twelid tieghu (fol. 7 tal-process) u biex konsegwentement tkun ordnata il-korrezzjoni ta' l-istess Att tat-Twelid numru 5954/81. Hi azzjoni attinenti ghal kontestazzjoni ta' l-istat legittimu tieghu u reklamar ta' stat ta' iben illegittimu imwieled minn missier mhux maghruf;

Fuq l-Att tat-Twelid *de quo* jirrizulta taht id-dikjarazzjoni ta' l-attrici u omm it-tifel min hu missier binha. Dan jaghti sostenn lil presunzjoni tal-ligi illi "l-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu" (Artikolu 67 tal-Kodici Civili). Infatti, ma jistax jitqies li dan l-iben gie koncepit barra miz-zwieg gjaladarba dan gie annullat fit-28 ta' Jannar 1982 (Dok. 8) u cioe` wara t-twelid ta' l-imsemmi tifel fis-26 ta' Ottubru 1981. Dan ifisser li allura r-ricerka trid tigi ulterjorment prosegwita, anke ghaliex, kif ritenut, id-dikjarazzjoni mitluba ta' stat illegittimu, bhal dik ta' filjazzjoni naturali kapaci tkun "*dedotta da circostanze antecedenti, concomitanti e posteriori alla nascita*`" (**Vol. XXVI P I p 764**);

Effettivament ghall-<u>att tat-twelid</u> irid jikkorrispondi ukoll <u>il-pussess ta' stat</u>, anke jekk, jif jirrizulta, zewg l-attrici ossija l-konvenut Emanuel Catania, akkweixxa ruhu ghad-dikjarazzjoni ta' martu fuq l-Att tat-Twelid tat-tifel u baqa' ma ghamel xejn biex jattakkaha (**Vol. XXV P I p 70**). Fil-fehma ta' dina l-Qorti jirrizultaw elementi sufficjenti biex jikkonvincuha illi l-veru pussess ta' stat tat-tifel John ma jikkonkorrux mad-dettalji annotati fuq l-Att tat-Twelid

tieghu u kwindi mal-pussess ta' stat ta' iben legittimu konformi ghal dan l-Att;

Jirrizultaw mill-provi dawn is-segwenti punti ta' riljev:-

I. Iz-zwieg bejn l-attrici Antonia Scicluna u l-konvenut Emanuel Catania, celebrat fil-31 ta' Awissu 1974, dam biss ftit granet. Dan iz-zwieg qatt ma kien konsumat. L-istqarrija tal-konvenut (fol. 34) tevidenza bis-shih ir-rapport ta' bejniethom:-

"Ir-relazzjoni li kelli ma' l-attrici bilkemm damet erbat ijiem ... Bilkemm kont naf lill-attrici ahseb u ara kemm stajt ikolli tarbija maghha ... Fiz-zmien li harget tqila kont gja mifrud minn maghha ghal zmien twil. Wara li zzewwigna kull ma ghamilna erbat ijiem biss flimkien."

II. Wara li telqet jew tkecciet mid-dar matrimonjali l-attrici qatt ma kellha kuntatt mal-konvenut Emanuel Catania. Kellha pero`, kif hekk ammess minnha, kuntatt u relazzjoni ma' certu Freddie Felice li hi tghid li hu l-missier naturali ta' binha, anke jekk dan mhux rikonoxxut minnu;

III. L-attrici tirrikonoxxi wkoll fl-imsemmi persuna l-missier ta' bintha Isabel li twieldet fid-29 ta' Ottubru 1975, u li b'sentenza tal-Qorti tal-21 ta' Jannar 1997, kien gie dikjarat li Emanuel Catania ma kienx missierha u ghalhekk giet ordnata l-korrezzjoni opportuna fl-Att tat-Twelid taghha (fol. 9);

IV. Fit-28 ta' Jannar 1982 iz-zwieg bejn l-attrici u Emanuel Catania gie dikjarat null u bla effett legali;

Jirrizulta inoltre illi l-konvenut qatt ma rrikonoxxa lit-tifel bhala ibnu tant li kategorikament jiskonfessah bil-kliem: "Naf bi zgur li t-tifel John Catania mhuwiex it-tifel tieghi.";

Anke minn dan gie muri ghas-sodisfazzjon tal-Qorti illi l-veru stat tat-tifel ma jaqbilx mal-pussess ta' stat legittimu dettat mill-Artikolu 80 tal-Kap. 16. Il-provi, imbaghad, konsiderati fl-assjem taghhom, huma bizzejjed assodanti

biex tingheleb il-presunzjoni tal-legittimita` sancita fl-Artikolu 67 fuq imsemmi.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi billi fl-ewwel lok tiddikjara illi t-tifel John ghal liema jirreferixxi l-Att tat-Twelid Numru 5954/81 ma huwiex il-wild naturali ta' Saviour (*recte*, Emanuel) Catania izda iben missier mhux maghruf;

Tordna li fl-imsemmi Att tat-Twelid issir il-korrezzjoni opportuna billi kull referenza ghal Saviour (*recte*, Emanuel) Catania, kompriz il-konnotati tieghu jigu kancellati u sostitwiti bil-kliem "*Unknown father*" jew "Missier mhux maghruf";

Tichad it-Tielet Domanda kif mitluba billi fil-mument tat-twelid tat-tifel, l-attrici kienet ghadha mart il-konvenut Emanuel Catania, b'dana illi tordna illi flok l-isem "Saviour" jiddahhal l-isem "Emanuel" u jinqatghu l-kliem "*the said*" biex b'hekk tigi taqra "*Antonia Scicluna wife of Emanuel Catania*".

L-ispejjez kollha tal-kawza jibqghu a kariku ta' l-attrici *nomine*.

(ft) Philip Sciberras

______________________

Onor. Philip Sciberras
Imhallef

(ft) Emanuel Sciriha

____________________

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur